Kwotazzjonijiet li jaslu wara l-ħin tal-għeluq ma jiġux ikkunsidrati.

Is-16 ta' Settembru, 2011

(i) 4 cradle swing seat
(ii) safety tiles 45mm - 5 square meters

Quot. No. GLC11/2011. Supply and installation of outdoor gym equipment
(i) 3 in 1 outside fitness unit

Interested parties are to submit their quotations in sealed envelopes, accompanied by product literature and prices inclusive of 18% VAT at the Council's Administrative offices.

Quotations received after closing time and date will not be considered.

16th September, 2011

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Ottubru 2011, fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. TXLG/01/11. Xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Blokki ta' Flattijiet tal-Awtorità tad-Djar.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċji Amministrattivi fuq dritt ta' ħlas ta' €35 minn nhar it-Tnejn, id-19 ta' Settembru 2011.

L-offerti jinfetħu minnufih wara d-data u l-ħin tal-għeluq.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Is-16 ta' Settembru, 2011

TA' XBIEX LOCAL COUNCIL

The Ta' Xbiex Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Offices up to 11.00 a.m. of Wednesday, 12th October 2011, for:-

Advt. No. TXLG/01/11. Maintenance works at Housing Authority Blocks of Flats.

Relevant documents can be obtained from the Administrative Offices against a fee of €35 as from Monday, 19th September 2011.

Offers will be opened immediately after the closing time.

The Local Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

16th September, 2011

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1561

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-12 ta' Settembru, 2011 fuq rikors ta' PACE CHARLES ET ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 2 ta' Novembru, 2011 fil-11.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir f' 'TA' BARK' GARAGE, TRIQ IL-KURAT SCHEMBRI, MOSTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BARTOLO KENNETH ET.

Vettura tal-marka Isuzu Narmac mingħajr numru ta' reġistrazzjoni u Vettura tal-marka Isuzu NTR mingħajr numru ta' reġistrazzjoni.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 12th of September, 2011 on the application of PACE CHARLES ET, Wednesday, 2nd November, 2011 at 11.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held at 'TA' BARK' GARAGE, TRIQ IL-KURAT SCHEMBRI, MOSTA of the following items seized from the property of BARTOLO KENNETH ET.

Vehicle Isuzu Narmac without a registration number and Vehicle Isuzu NTR without a registration number.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 15/11.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of the file number 15/11.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th September, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1562

B'digriet mogħti, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-18 ta' Mejju 2011, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Rachael White vs David White, Rikors numru 160/11 CS, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra numru 160/11, fl-ismijiet Rachael White vs David White, ir-rikorrenti Rachael White, esponiet bir-rispett;

1. Illi hija miżżewġa ma' David White u minn dan iż-żwieġ twieldet il-minuri Rebecca Harriet, ...omissis... l-esponenti għandha wkoll tifel ieħor li twieled minn relazzjoni preċedenti.

2. Illi l-intimat li jaħdem fuq bazi full-time bħala workshop supervisor, ...omissis... telaq mid-dar matrimonjali diversi xhur ilu iżda minkejja dan u minkejja l-fatt illi jirrizulta illi huwa għandu introjtu ta' bejn mitejn u sebgħin Ewro (€270) u tliet mitt Euro (€300) fil-ġimgħa (gross) mill-impieg tiegħu, huwa baqa' qatt ma ħallas l-ebda ammont in linea ta' manteniment għall-minuri jew xi forma ta' kontribut għall-ispejjeż, tal-għixien tagħha.

3. Illi ġeneralment l-intimat jara lill-minuri darba kull ħmistax nhar ta' Sibt u/jew nhar ta' Ħadd, għalkemm ġieli jippretendi illi l-esponenti li dejjem taċċetta, twassallu l-minuri.

4. Illi oltre l-premess l-intimat qiegħed jirkatta lill-esponenti ma' kull pass li hija tipprova tieħu lejn, u kull proposta li hija tagħmel sabiex tasal għal separazzjoni personali bejniethom.

5. Illi dan l-aġir tal-intimat huwa deplorabbli, partikolarment meta kjarament jista' jkollu effett fuq il-minuri u għalhekk anke fid-dawl tar-rifjut persistenti tiegħu illi ma jikkontribwixxix bl-ebda mod għat-trobbija u l-għixien ta' bintu l-esponenti tixtieq illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata lilha ad eskluzjoni tal-intimat, stante illi dan ċertament ikun fl-aħjar interess tal-minuri.

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 18th 2011, in the records of the Sworn Application, in the names Rachael White vs David White, Application number 160/11 CS, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Civil Court (Family Section) in the records of the letter number 160/11, in the names Rachael White vs David White, the applicant Rachael White, pleaded with respect,

1. That she is married with David White and from this marriage the minor Rebecca Harriet was born ...omissis... the applicant has another boy who was born from a previous relationship.

2. That the respondent who works on a a full-time basis as a workshop supervisor ...omissis... left the matrimonial home various months ago but despite of this and despite of the fact that it results that he has an income of between two hundred seventy Ewro (€270) and three hundred Ewro (€300) per week (gross) from his employment, he did not pay any amount by way of maintenance for the minor or any form of contribution for the expenses of her living.

3. That generally the respondent sees the minor once every fifteen days on Satrurday and/or on Sunday, although he pretends that the applicant who always accepts takes the minor to him.

4. That besides the premised the respondent is threatning the applicant with every action she takes or proposal she makes to arrive at a personal separation between them.

5. That this behaviour of the respondent is deplorable, particularly when it can clearly have effect on the minor and thus even in the light of his persistent refusal not to contribute in any manner for the upbringing and living of his daughter the applicant, wishes that the care and custody of the minor be entrusted to her to the exclusion of the respondent, since that this is certainly in the best interest of the minor.

6. Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti ippreżenta l-ittra bin-numru 160/11, fl-ismijiet fuq premessi, sabiex tingħata l-awtorizazzjoni illi tipproċedi ġudizzjarajament għas-separazzjoni personali.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għal dak kollu fuq premess titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti;

1.Takkorda pendente lite, il-kura u kustodja tal-minuri Rebecca Harriett White lill-esponenti ad eskulżjoni tal-intimat b'aċċess favur l-intimat.

2. Tiffissa dik ir-retta alimentarja li għandu jħallas l-intimat in linea ta' manteniment għall-minuri u tikkundanna l-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti għan-nom ta' bintha minuri;

3. Tordna illi l-ammont ta' manteniment hekk iffissat jiġi mnaqqas mis-salarju tal-intimat sabiex jiġi mħallas direttament lir-rikorrenti għan-nom tal-minuri.

Salv kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti.

Qorti Ċivili
(Sezzjoni tal-Familja)
Imħallef
Onor. Anna Felice LLD.

Ittra Numru 160/11.
Rachael White

vs

David White.
Il-Qorti,
Rat ir-rikors tad-9 ta' Frar 2011.

Fl-ewwel lok tirrileva li l-proċess ta' medjazzjoni għadu fi stadju inizjali tiegħu.

Fit-tieni lok tipprovdi preliminarjament is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti għanda tikkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors.

2. Illi għandha tikkonferma bil-ġurament jekk taħdimx jew le. F'każ affermattiv għandha tippreżenta dokumenti relattivi u l-kopji tal-FS3 u P3 tal-aħħar sentejn.

3. Illi għandha tippreżenta prospett ġuramentat dwar l-introjtu sħiħ tagħha b'dettalji rilevanti flimkien mal-ispejjeż li qed tirrikorri b'mod partikolari fil-konfront tal-minuri.

6. That together with this application, the applicant presented a letter with number 160/11, in the names above premised, in order that she be authorised to proceed judicially for personal separation.

Thus the applicant whilst referring to all that above premised, humbly prays with respect that this Honourable Court;

1. Grants pendente lite, the care and custody of the minor Rebecca Harriet White, to the applicant to the exclusion of the respondent with access in favour of the respondent.

2. Fixes the adequate maintenance he has to pay to the respondent by way of maintenance for the minor and condemn the respondent to pay that amount to the applicant for her minor daughter;

3. Order that the amount of maintenance so fixed be deducted from the salary of the the respondent so that it be directly paid to the applicant on behalf of the minor.

Saving any other proviosion which this Honourable Court may give.

Civil Court
(Family Section)
Judge
Hon. Anna Felice LLD.

Letter Number 160/11.
Rachel White

vs

David White.
The Court;
Having seen the application of the 9th February 2011.

In the first palce points out that the process of mediation is in its intial stages.

In the second place provides in the first place the following:

1.That the applicant is to confirm under oath the contents of the application.

2. That she is to confirm under oath whether she works or not. In the affernmative she is to present the relative documents and copies of the FS3 and P3 of the last two years.

3.That she is to present a sworn prospect of her whole income with relevant details together with 'the expenses she is incurring in particular in regarding to the minor.

Sussegwentement tordna li dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti fuq riferuti jiġu notifikati lill-intimat bi żmien ħamest ijiem utili għar-risposta ġuramentata li għandha tikkontjeni prospett ġuramentat tal-introjtu sħiħ tiegħu u dettalji relattivi u tordna notifika tar-rikors odjern lill-Medjatur.

Illum 15 ta' Frar 2011.

Iff. Onor. Imħallef Anna Felice LLD.
Iff. Joanna Bonnano-Deputat Reġistratur.

Notifika: 12, Triq Varjita, Marsaskala.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 12 ta' Settembru 2011.

AVV. FRABNK PORTELLI,LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Subsequently order that this application together with the documents above referred be notified to the respondent, who is within five working days to file a sworn application which is to contain a sworn prospect of his whole income and the relative details and order that this application be served on the Mediator.

Today 15th February 2011.

Sgd. Hon. Judge Anna Felice LLD.
Sgd. Joanna Bonnano-Deputy Registrar.

Service: 12, Triq Varjita, Marsaskala.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 12th September 2011.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1563

Billi Domenico Sciberras (Passaport Awstraljan Nru. L3725509) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 873/2011 JA) fejn talab KORREZZJONI tal-ATT TAT-TWELID tiegħu numru 1324/1938 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 12 ta' Settembru 2011

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Whereas Domenico Sciberras (Australian Passport No. L3725509) filed an application under oath (No. 873/2011 JA) demanding CORRECTION in his ACT OF BIRTH number 1324/1938 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today, 12th September 2011

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1564

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-12 ta' Settembru, 2011 fuq rikors ta' AUTO SALES LIMITED ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 2 ta' Novembru, 2011 fl-10.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir f'AUTO SALES LIMITED, TRIQ MOSTA, LIJA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand BALABANOV ASPARUH ET.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 12th of September, 2011 on the application of AUTO SALES LIMITED, Wednesday, 2nd November, 2011 at 10.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held at AUTO SALES LIMITED, TRIQ MOSTA, LIJA of the following items seized from the property of BALABANOV ASPARUH ET.

Vettura tat-tip Renault Twingo bin-numru ta' reġistrazzjoni TAN 164.

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 29/11.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Vehicle Renault Twingo with registration number TAN 164.

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of the file number 29/11.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 12th September, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1565

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-27 ta' Lulju 2011, fuq rikors ta' MICHAEL ATTARD LTD ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2011 fil-11.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir f'GARAGE FORMANTI PARTI MINN GARAXXIJIET, TRIQ L-GĦARGĦAR 1979, QORMI tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ATTARD PHILIP.

Vettura Peugeot ta' kulur abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni DAK 991.
Vettura Peugeot ta' kulur abjad bin-numru ta' reġitrazzjoni DAK 992.
Vettura Peugeot ta' kulur griż metallic bin-numru ta' reġistrazzjoni BAK 765.
Vettura Peugeot ta' kulur abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL 773.
Vettura Peugeot ta' kulur abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni DBL 772.

L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-subbasta numru 39/2010.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 27th July, 2011, on the application of MICHAEL ATTARD LTD, Wednesday, 19th October, 2011 at 11.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held at GARAGE FORMING PART OF GARAGES, TRIQ L-GĦARGĦAR 1979, QORMI of the following items seized from the property of ATTARD PHILIP.

Vehicle Peugeot of white in colour with registration number DAK 991.
Vehicle Peugeot of white in colour with registration number DAK 992.
Vehicle Peugeot metallic grey in colour with registration number BAK 765.
Vehicle Peugeot of white in colour with registration number DBL 773.
Vehicle Peugeot of white in colour with registration number DBL 772.

The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale by auction number 39/2010.

Registry of the Superior Courts, this Monday 12th September 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1566

Billi r-rikorrenta Ramona Saliba (K.I. Nru. 81976M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 273/11 NC) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Ylenia Zammit Saliba li jġib in-numru 2614/2009 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Whereas the plaintiff Ramona Saliba (I.D. 81976M) filed an application under oath (No. 273/11 NC) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Ylenia Zammit Saliba number 2614/2009 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 12 ta' Settembru 2011.

CORA AZZOPARDI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 12th of September 2011.

CORA AZZOPARDI
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1567

B'digriet mogħti fis-7 ta'Settembru 2011, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Tabone Dottor Michelle noe vs Attard Carmelo, Rikors numru 91/10 GG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof Amministratur tal-Beni Ekkleżjatiċi kollha f' Malta għan-nom u fl-interess tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Sliema vs Carmelo Attard (K.I. 110720M) fit-22 ta' Lulju 2010, ir-rikorrenti Dottor Michelle Tabone (K.I. 138371M) bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni Ekleżjastiċi kollha f'Malta, għan-nom tal-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris ta' tas-Sliema, esponiet bir-rispett u talbet lil dan l-Onorabbli Bord,

Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond 52/53, Triq il-Kbira, Sliema u jawtorizza lill-esponenti tirriprendi il-pussess tal-imsemmi fond fi żmien qasir u perentorju li jogħġbu jiffissa dan il-Bord wara li jagħti l-opportuni provvedimenti.

Bl-ispejjeż.
Lista ta' Dokumenti.
Rikorrenti: Dr Michelle Tabone nomine,
Il-Kurja, Triq l-Iljun, Floriana.

Notifika: Carmelo Attard,
Flat 1, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

Ir-Rikors fl-ismijiet Tabone Dottor Michelle noe vs Attard Carmelo, rikors numru 91/10 GG, jinsab differit għas-smigħ għat-28 ta' Novembru 2011, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord tal-Kera) illum 13 ta' Settembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 7th September 2011, by the Rent Regulation Board, in the records of the Sworn Application, in the names Tabone Dottor Michelle noe vs Attard Carmelo, Application number 91/10 GG, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the Rent Regulation Board, in the names Dottor Michelle Tabone (I.D. 138371M) as Bursar of Monsignor Archbishop Administrator of all the Ecclesiastical Property in Malta, in the name and in the interest of the Parish Church of Stella Maris, Sliema, vs Carmelo Attard (I.D. 110720M) on the 22nd July 2010, the applicant Dottor Michelle Tabone (I.D. 138371M) as Bursar of Monsignor Archbishop, Administrator of all the Ecclesiastical Property in Malta, on behalf of the Parish Church of Stella Maris, of Sliema, pleaded with respect and asked this Honourable Board;

To order the eviction of the respondent from the premises 52/53, Trir il-Kbira, Sliema and authorise the applicants to take back possession of the said premises within a short and peremptory period which this Board, may fix after it makes the opportune provisions.

With costs.
List of Documents.
Applicant: Dr Michelle Tabone nomine,
Il-Kurja, Triq l-Iljun, Floriana.

Notify: Carmelo Attard,
Flat 1, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

The Sworn Application in the names Tabone Dottor Michele noe vs Carmelo Attard, application number 91/10 GG, has been put off for hearing to the 28th November 2011, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 13th September 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1568

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2011, u dan wara Rikors b'Numru 32/2011, Ordnat:

Il-korrezzjoni tal-Att ta' Twelid ta' Antonio Caruso, li jġib in-numru 2391 tas-sena 2009, fil-kolonna intestata 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier' l-isem "Antonio Caruso", għandu jiġi sostitwit bl-isem "Antonino Caruso.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum, nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru, 2011.

JASON FRANCIS SULTANA,
Kummissarju għall-Ġuramenti,
B.A. (Hons) International Relations, M.A. European Studies
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Article 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 12th day of May 2011, and this after a written plea Numbered 32/2011, Ordered:

The correction of the Act of Birth of Antonio Caruso bearing number 2391 of the year 2009, under the column titled 'Name and surname and place of birth of the Father', the name "Antonio Caruso", is to be substituted to read "Antonino Caruso.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Tuesday 13th of September, 2011.

JASON FRANCIS SULTANA,
Commissioner for Oaths
B.A. (Hons) International Relations, M.A. European Studies
F/Registrar Court of Revision of Notarial Acts

1569

B' digriet mogħti, fis-27 ta' Mejju 2011, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet S. N. Properties Limited (C 14555) vs Gatt Christopher et, Rikors numru 911/04 AE, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Nota, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 911/04 AE, fl-ismijiet S.N. Properties Limited (C-14555) vs Christopher Gatt et, is-soċjetà attriċi ppremettiet;

Illi hija qed tottempora ruħha mal-aħħar verbal ta' din l-Onorabbli Qorti u dan billi qiedgħa tressaq affidavit ta' George Portelli (Dok 'I') att pubbliku tan-Nutar Marco Farrugia (Dok '2') u qed tikkwantifika l-pretensjoni tagħha in linea ta' danni hekk kif ġej;

Sorte Eur 232,937.
Imgħax mill-aħħar ta' Ottubru 2004
(data tal-iskadenza tal-konvenju mertu ta' din il-kawża) sallum Eur114,916 Total Eur347,853.

Iff. Avv. Dott. Edward Zammit Lewis.
Iff. PL Jean Pierre Busuttil

Dok 'I' Anness - Dikjarazzjoni Solenni ta' George Portelli, (K.I. 493662M) li joqgħod Marble Arch Residence, Block C1, Flat 5, Triq il-Karmnu, San Ġiljan.

By means of a decree, given on the 27th May 2011, by the First Hall Civil Court in the records of the Sworn Application, in the names S. N. Properties Limited (C 14555) vs Gatt Christopher et, Application number 911/04 AE, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Note, filed, in the First Hall Civil Court, in the records of the Sworn Application number 911/04 AE, in the names S.N. Properties Limited (C 14555) vs Christopher Gatt et, the plaintiff company premised;

That it is abiding with the last order of this Honourable Court and this by bringing forward an affidavit of George Portelli (Doc 'I') a public deed of Notary Marco Farrugia (Doc '2') and is quantifying its claim by way of damages as follows;

Capital Eur 232,937.
Interest from the end of October 2004
(date of maturity of the preliminary agreement merit of this cause) till today Eur114,916 Total Eur347,853.

Sgd. Adv. Dr. Edward Zammit Lewis.
Sgd. PL Jean Pierre Busuttil.

Doc 'I' Attached - Solemn Declaration of George Portelli, (I.D. 493662M) who resides,Marble Arch Residence, Block C1, Flat 5, Triq il-Karmnu, St. Julians.

Notifika: 1. Christopher Gatt,
'Roxanne,' Triq il-Gladjoli,
Swieqi.

2. Cheryl Gatt,
Butterfly, Flat 2, Triq il-Rattan,
Mellieħa.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet S.N. Properties Limited (C 14555) vs Gatt Christopher et, Rikors numru 911/04 AE, jinsab differit għas-27 ta' Ottubru 2011, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Settembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: 1. Christopher Gatt,
'Roxanne,' Triq il-Gladjoli,
Swieqi.

2. Cheryl Gatt,
Butterfly, Flat 2, Triq ir-Rattan,
Mellieħa.

The Sworn Application in the names S. N. Properties Limited (C 14555) vs Gatt Christopher et, Application number 911/04 AE, has been put off to the 27th October 2011, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 13th September 2011.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1570

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Mejju 2011, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Borg Pawlu vs Borg Antoine, rikors numru 403/11MCH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Pawlu Borg K.I. 668847M vs Antoine Borg K.I. 39472M, fis-26 ta' April 2011, ir-rikorrenti Pawlu Borg K.I. 668847(M) talab lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 et tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-konvenut debitur versu l-attur fl-ammont ta' (€67,265.60c) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-imsemmi ammont ta' (€67,265.60c).

Bl-ispejjez ...omissis... kontra l-konvenut u bl-interessi bir-rata ta' 8% skont il-liġi dekorribbli kif jingħad fir-rikors, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Lista ta' Dokumenti.

Attur: Pawlu Borg,
70 B, Triq l-Imdina,
Ħal Qormi.

Konvenut: Antoine Borg,
Alison, Flat7,
Triq il-Munxar,
Marsaskala.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court, on the 26th May 2011, in the records of the Sworn Application, in the names Borg Pawlu vs Borg Antoine, application number 403/11MCH, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Pawlu Borg I.D. 668847M vs Antoine Borg I.D. 39472M on the 26th April 2011, the applicant Pawlu Borg I.D. 668847(M) asked this Honourable Court;

1. To decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et of Chapter 12 of the Laws of Malta, declare the defendant debtor towards the plaintiff in the amount of (€67,265.60c) and condemn the defendant to pay the plaintiff the said amount of (€67,265 60c) .

With costs ...omissis... against the defendant and with interests at the rate of 8% according to law to run as stated in the application, till the date of effective payment against the defendant.

List of Documents.

Plaintiff: Pawlu Borg,
70 B, Triq l-Imdina,
Ħal Qormi.

Defendant: Antoine Borg,
Alison, Flat 7,
Triq il-Munxar,
Marsaskala.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Borg Pawlu vs Borg Antoine, rikors numru 403/11 MCH, jinsab differit għas-smigħ għat-18 ta' Ottubru 2011, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Settembru 2011.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application, in the names Borg Pawlu vs Borg Antoine, application number 403/11 MCH, has been put off for hearing to the 18 th October 2011, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts,today 13th September 2011.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1571

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-9 ta' Settembru, 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Miriam Hayman), Kumpilazzjoni Numru 1010/2011 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

Kontra:

KEVIN GRIMA, 36 sena, diżokkupat, bin Emanuel u Maria Dolores xebba Brincat, imwieled Pietà fil-31 ta'Ottubru, 1974 u residenti 'Bini Tal-Gvern, Blk C, Flat 1, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera u detentur ta' karta tal-identità numru 512874 (M); u

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Kevin Grima jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbietu milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 12 ta' Settembru, 2011.
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO LLD
Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 9th September, 2011 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dott. Miriam Hayman) Compilation Number 1010/2011 in the case:

The Police
(Inspector Jesmond J Borg)

Versus:

KEVIN GRIMA, 36 years, unemployed, son of Emanuel and Maria Dolores nee' Brincat, born in Pietà on the 31st October, 1974 and residing at Bini Tal-Gvern, Blk C, Flat 1, Triq il-Palazz l-Aħmar, Santa Venera and holder of Identity Card number 512874(M); and

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or pertaining or belonging to Kevin Grima and prohibits the said accused from transferring or otherwise disposing of any moveable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today, 12th September, 2011.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

DR ELIZABETH QUINTANO LLD
Assistant Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals

1572

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ġurisdizzjoni Ġenerali ġiet ordnata din il-pubblikazzjoni.

B'rikors ippreżentat fit-2 ta' Settembru 2011 fil-Qorti hawn fuq imsemmija minn Maria Portelli u oħrajn, Rikors numru 71/2011 (Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili) il-Qorti ġiet mitluba li tordna u tawtorizza l-bejgħ tas-segwenti proprjetajiet (i) porzjon art indiviż tal-

It is hereby notified that by virtue of a decree dated 14th September 2011 delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered the following publication:

By virtue of an application filed on the 2nd September 2011 in the abovementioned Court by Maria Portelli and others, Application number 71/2011 (Application in terms of Article 495A of the Civil Code), the Court was asked to give its authorization for the sale of the following properties: (i) an

kejl ta' ħames mija u wieħed u sittin metru kwadru (561m. k.) (pari għal nofs tomna) madwar kamra msemmija fil-paragrafu t'hawn (ii) li jidher hawn taħt, magħrufa bħala "Ta' Ċirilla" fil-kuntrada "tar-Ramla" fil-limiti tan-Nadur, Għawdex, konfinanti mil-lvant ma' beni tal-eredi ta' Carmelo Camilleri, nofsinhar ma' triq u punent ma' beni ta' Pawlu Portelli; (ii) kamra mingħajr isem u mingħajr numru uffiċjali sitwata fil-porzjon art fuq imsemmija, fil-paragrafu (i), liema kamra tikkonfina ma' beni tal-eredi tal-familja Portelli; u (iii) porzjon art ta' kejl ta' ċirca elf disa' mija u ħmistax-il metru kwadru (1915m.k) jew kejl verjuri fin-Nadur, Għawdex, konfinanti mil-lbic ma' triq ir-Ramla l-Antika, mil-lvant ma' beni ta' Giuseppi Portelli u mit-tramuntana ma' beni ta' Ġużepp Attard, liema porzjon art qed tiġi mmarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta annessa Dok E, a favur Sandro Ciliberti fit-termini tal-konvenju esebit mal-istess rikors.

undivided portion of land having a superficial area of five hundred and sixty one metres squared (561m.sq.) equivalent to circa half a tumolo, around the room mentioned in paragraph (ii) below, known as "Ta' Ċirilla" in the area known as "tar-Ramla", limits of Nadur, Gozo, bounded from the east with property of the heirs of Carmelo Camilleri, south with a road and from the west with property of Paul Portelli; (ii) an unnumbered room situated on the portion of land described in paragraph (i) above, which room is bounded by property of the heirs of family Portelli; (iii) a portion of land having a superficial area of circa one thousand nine hundred and fifteen square metres (1915 sq.m.) in Nadur Gozo in the area known as "tar-Ramla", bounded on the south west by Triq ir-Ramla l-Antika, on the east by property of Giuseppi Portelli and on the north by property of Guzepp Attard, which land is being marked in red on the plan attached marked as Document E, in favour of Sandro Ciliberti in terms of the promise of sale agreement exhibited in the records of said application.

Dan ir-rikors huwa appuntat għas-smigħ għall-11 ta' Novembru 2011 f'nofsinhar.

This application is scheduled for hearing for the 11th of November 2011 at noon.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) illum 14 ta' Settembru 2011

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) this 14th September 2011

MAUREEN XUEREB
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

MAUREEN XUEREB
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1573

B'digriet tat-18 ta'Mejju, 2011 mogħti mill-Qorti tal-Prim' Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

By a decree of the 17th September, 2009 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

Illi b'rikors konġuntiv ippreżentat fit-12 ta' Novembru, 2010, minn Alfred u Josephine Agius u Dr Charmaine Galea u AIC Joseph Ellul Vincenti qed jintalab l-iżbank tal-ammont ta' €3447.66 depożitati b'ċedola numru 46/2010 favur Alfred u Josephine Agius u l-bilanċ ta' €420.51 favur Dr Charmaine Galea u AIC Joseph Ellul Vincenti.

That by a joint application filed on the 12th November, 2010 by Alfred and Josephine Agius and Dr Charmaine Galea and AIC Joseph Ellul Vincenti, is asking for the withdrawal of the amount €3447.66 deposited by Schedule of Deposit number 46/2010 and the remaining balance of €420.51 in favor of Dr Charmaine Galea and AIC Joseph Ellul Vincenti.

Iċ-ċedola ġiet ippreżentata fl-ismijiet:

The schedule of deposit was presented in the names of:

Dr Charmaine Galea et vs Filippa Caruana.

Dr Charmaine Galea et vs Filippa Caruana.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'għoxrin ġurnata żmien għar-risposta.

The Court ordered the notification of this application with twenty days notice for filing a reply.

Reġistru tal-Qorti Prim'Awla Ċivili (Malta), illum 12 ta' Settembru, 2011.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 12th September, 2011.

ROSE MARIE VELLA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ROSE MARIE VELLA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

1574

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet tat-3 ta' Marzu, 2011, u dan wara Rikors b'Numru 24/2011, Ordnat:

Fl-ewwel lok, il-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid ta' Vincent Psaila, li jġib in-numru 3940 tas-sena 1946, fil-parti relattiva fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Missier' isem missier tal-imsemmi Vincent Psaila minflok "Andrew" għandu jiġi moqri bħala "Giovanni Andrea sive John Andrew";

Fit-tieni lok, qed issir korrezzjoni fl-istess Att ta' Twelid ta' Vincent Psaila, li jġib in-numru 3940 tas-sena 1946, fil-parti relattiva fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid tal-Omm' isem ir-raġel tal-omm tal-imsemmi Vincent Psaila minflok "Andrew" għandu jiġi moqri bħala "Giovanni Andrea sive John Andrew";

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum, nhar il-Ħamis 3 ta' Marzu, 2011.

PAUL X. SAMMUT,
B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Article 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 3th day of March 2011, and this after a written plea Numbered 24/2011, Ordered:

In first instance, the correction of the Act of Birth of Vincent Psaila, bearing number 3940 of the year 1946, in the section particulars under the column titled 'Name and Surname and Place of Birth of Father', the father's name of the said Vincent Psaila, instead of "Andrew" is to be substituted to read "Giovanni Andrea sive John Andrew";

In second instance, correction is being made in the said Act of Birth of Vincent Psaila, bearing number 3940 of the year 1946, in the section Particulars under the column titled 'Name and Surname and Place of Birth of Mother, the name of the spouse of the mother of the said Vincent Psaila, instead of "Andrew" is to be substituted to read "Giovanni Andrea sive John Andrew";

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Thursday 3rd of March, 2011.

PAUL X. SAMMUT,
B.Psych, PGDPS, Hon. Dip. Litt.
F/Registrar Court of Revision of Notarial Acts

1575

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-15 ta' Settembru, 2011 fuq rikors ta' ATTARD PAUL gie ffissat il-jum tat-Tnejn, 17 ta' Ottubru, 2011 fil-ta' filgħodu 11.00 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li għandu jsir fi FLAT 3, ROMANTIC, TRIQ F. FARRUGIA, ŻEBBUĠ tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FALZON FRANKIE ET.

Għamara, Televisions u affarijiet ohra

N.B. L-oġġetti hawn fuq imsemmija jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 22/11

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 15th September, 2011 on the application of ATTARD PAUL, Monday, 17th October, 2011 at 11.00 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held at FLAT 3, ROMANTIC, TRIQ F. FARRUGIA, ZEBBUG of the following items seized from the property of FALZON FRANKIE ET.

Furniture, Televisions and other objects

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of the file number 22/11

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 15th September, 2011.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – IL-BELT VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

A Study of Landscape and Irrigation at is-Simblija	€27.95
Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	€4.66
Geological Maps of Malta	€16.31
Geological Maps of Gozo	€11.65
Geological Maps of Malta and Gozo	€23.29
Ħwejjeġ li Rajna (it-Tieni Ktieb)	€4.66
Il-Bennej	€8.15
Il-Ġaħan ta' Binġemma	€4.66
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	€2.33
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	€2.33
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	€2.33
L-Odissea	€4.66
Overview of the History & Development of the Public Works Department in the Maltese Islands	€11.65
Portfolio Assessments	€9.32
Regole Per La Lingua Maltese	€1.75
Santo Spirito Hospital	€4.66
The Unequal Half	€8.15

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Annual Audit Report - Public Accounts 2008	€5.00
A Window on the World of Work	€4.66
Census of Population and Housing 2005 - Volume 1: Population	€18.63
Census of Population and Housing 2005 - Volume 2: Dwellings	€18.63
Children	€6.99
Culture Statistics 2004	€4.66
Demographic Review 2008	€7.00
Education Statistics 2004 (CD)	€10.48
Environment Statistics 2006	€11.65
Household Budgetary Survey	€18.63
Malta in Figures 2009	€5.00
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD)	€10.48
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	€9.32
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	€4.66
Sports Organisations 2000 – 2002	€6.99
Survey on ICT Usage in Households 2002	€4.66
Trade Statistics 200 (CD)	€11.65
Transport Statistics 2005 (CD)	€4.66
Works and Activities Report of the National Audit Office 2009	€3.00

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – IL-BELT VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2008 on compact disc (CD)	€13.98
Annual Reports of Government Departments – 2008 on compact disc (CD)	€11.65
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	€6.99
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	€2.33
Code of Ethics for Members of the Judiciary	€2.33
Diskors tal-*Budget* 2010	€2.50
Economic Bulletin – July 2007	€4.66
Economic Survey 2009	€5.00
Electoral Register, Local Councils, October 2009	€100.75
Electoral Register, October 2009	€26
Electoral Register, October 2009 on compact disc (CD)	€125
Estimates 2010	€5.00
Financial Report 2008	€7.00
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	€1.16
Il-Politika Kulturali f'Malta	€6.99
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	€2.33
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	€2.33
Kodiċi ta' Etika għall-Impjegati fis-Settur Pubbliku	€2.33
Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati	€2.33
Kungress Nazzjonali - Oqsma tal-Kultura Maltija	€6.99
Legal Notices and Bye-Laws 2008 on compact disc (CD	€13.98
L-Industrija tad-Tadam (DVD)	€5.00
Malta vs England (DVD)	€5.00
Malta's Parliament – An Official History	€41.93
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	€2.33
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	€0.58
Pajjiżna – Ħarġiet Nru. 1 sa Nru. 52 (CD)	€5.00
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	€3.49
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	€4.08
Performance Audit – Procurement Capability	€3.50
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	€3.49
Performance Audit – School Information System – Education Division	€4.66
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	€3.49
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	€3.49
Performance Audit – Renewable Energy Sources and Energy Efficiency in Malta	€3.50
Performance Audit – Structural Funds: Environmental Programme	€3.50
Performance Audit – Vehicle Emissions Control	€3.50
Performance Audit – Water Loss Control Management by the Water Services	€3.50
Portfolio Assessments	€9.32
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	€16.31
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	€3.49
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	€2.33
The Press Act	€1.16
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	€6.99
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	€4.66

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*